**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 18 ta' Frar 2025**

**Rikors Numru 1320/22**

**Andrew Zarb**

**Vs**

**Ministru ta` l-Edukazzjoni**

**Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Andrew Zarb** ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2022, li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

*Illi bħala fatti fil-qosor tal-każ l-esponent kien jippossjedi warrant temporanja ta' għalliem u dan sabiex ikun jista' jgħallem kif fil-fatt għamel fl-aħħar ħames snin u aktar;*

*Illi meta wasal iż-żmien li kienet ser tiskadi huwa applika sabiex, ai termini tal-artiklu 25 tal-Att Dwar l-Edukazzjoni jestendi l-istess warrant;*

*Illi permezz ta' deċiżjoni notifikata lill-appellant nhar l-20 ta' Jannar 2022 permezz ta' ittra datata 12 ta' Jannar 2022 li tagħmel referenza għal deċiżjoni ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2021 fejn fiha l-Ministru intimat aċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill intimat u ddeċieda li ma jestendix l-istess warrant tal-appellant;*

*Illi l-appellant ħass ruħu aggravat mill-imsemmi deċiżjoni u rakkomandazzjoni u għalhekk qed jinterponi dan l-umli appell tiegħu ai termini tal-artikolu 32(1) tal-Att Dwar I-Edukazzjoni u qed iressaq l-aggravji tiegħu segwenti:*

*Illi fl-ewwel lok l-appellant jiddikjara li huwa kien kompletament eleġibbli li tiġi estiża favur tiegħu l-warrant ta' għalliem;*

*Illi d-deċiżjoni msemmija hija għalkollox arbitrija u mhux ibbażata fuq ebda sens ta' proporzjonalità jew raġuni;*

*Illi d-deċiżjoni hija wkoll nulla u bla effett billi raġuni għaliex ingħatat l-istess deċiżjoni ma' hemmx fl-ittri msemmija;*

*Illi sabiex waslu għal din id-deċiżjoni il-verżjoni tal-appellant qatt ma ġiet interpellata;*

*Għaldaqstant l-appellant in vista ta' dak fuq premess qed jitlob umilment lil dan il-Bord sabiex iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni u r-rakkomandazzjoni notifikata lill-appellant nhar l-20 ta' Jannar 2022 permezz ta' ittra datata 12 ta' Jannar 2022 li tagħmel referenza għal deċiżjoni ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2021 fejn fiha l-Ministru intimat aċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill intimat u ddeċieda li ma jestendix l-istess warrant tal-appellant u dan bl-ispejjeż kontra l-intimati.*

Ra r-risposta **tal-intimati** ppreżentata fl-14 ta' Frar 2022 li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:

1. *Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati u fil-fatt u fid-dritt u għalhekk jistħoqq li jiġu miċħuda.*
2. *Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet tar-rikorrent li huwa kien eliġibbli li jkollu l-warrant temporanju tiegħu mġedded, jew li d-deċiżjoni mittieħda fil-konfront tiegħu kienet arbitrarja, sproporzjonata jew irraġonevoli. Matul l-aħħar ftit snin, ir-rikorrent kien ingħata warrant ta' għalliem temporanju, imġedded minn sena għal sena wara applikazzjonijiet annwali da parti tar-rikorrent u dan ai termini tal-Artikolu 25 tal-Kap. 327 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal kull buon fini, tajjeb jingħad li in kwantu għall-kwalifiċi tar-rikorrent, hu mhuwiex kwalifikat japplika għal warrant permanenti.*
3. *Illi matul dan il-perjodu, minkejja l-fatt li r-rikorrent qatt ma ta performance wisq sodisfaċenti, xorta waħda ngħata opportunità wara oħra biex itejjeb il-qagħda tiegħu.*
4. *Illi madankollu din is-sitwazzjoni ma setgħetx tippersisti u għalhekk eventwalment il-kap tal-iskola fejn l-aħħar kien għallem ir-rikorrent immarkat fit-tlett (3) istanzi tal-performance review tiegħu li ma kienx qed jilħaq l-aspettattivi mistennija minnu, apparti li ppreparat rapport dettaljat fejn elenkat il-preokkupazzjonijiet tagħha bil-miktub. Tajjeb jingħad li r-rikorrent kien ben konsapevoli ta' dan kollu; di fatti huwa ffirma l-performance review tiegħu, ikkontesta l-konklużjonijiet tar-rapport u saħansitra pprepara rapport bil-miktub bi tweġiba għal dak mistqarr fil-konfront tiegħu.*
5. *Illi l-Kunsill qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u wasal għall-konklużjoni li ma jirrakkomandax li jiġġedded il-warrant temporanju tar-rikorrent u kien proprju minħabba din ir-rakkomandazzjoni li l-esponent Ministru ma ġeddux. Meqjus dan kollu, ċertament ma jistax jingħad li r-rifjut kien wieħed arbitrarju, sproporzjonat jew irraġonevoli.*
6. *Illi in kwantu għall-allegazzjoni li d-deċiżjoni hi nulla u mingħajr effett għaliex ma ngħatatx deċiżjoni fl-ittra li rċieva r-rikorrent, din hi infondata fil-fatt u fid-dritt. Preliminarjament, imkien fil-Kap. 327 ma hu speċifikat li fir-*

*rifjut għandu jkun hemm elenku sħiħ tar-raġunijiet għaliex applikazzjoni ġiet rifjutata.*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, tajjeb jingħad li meta l-Kunsill ikkonkluda li l-warrant tar-rikorrent ma kellux jiġġedded, ġiet ippreparata ittra għall-Ministru tal-Edukazzjoni li permezz tagħha ingħataw ir-raġunijiet għaliex il-Kunsill kien qiegħed jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu (ara kopja tal-ittra datata 21 ta' Ottubru 2021, Dok. 'A'). Sussegwentement, il-Kunsill ipprova jinnotifika lir-rikorrent b'din l-ittra permezz tal-posta reġistrata iżda baqgħet ma nġabritx mir-rikorrent. Il-Kunsill għalhekk ipprova jinforma lir-rikorrent b'din l-ittra permezz ta' e-mail fuq l-e-mail address tiegħu fuq iLearn, però ma jidhirx li r-rikorrent ħa interess (ara Dok. 'B'). Wara tentattiv ieħor ta' notifika b'posta reġistrata, ir-rikorrent ġie formalment infurmat bir-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu meta fl-aħħar attenda għal laqgħa fi ħdan id-Direttorat tal-Edukazzjoni u fejn iffirma li kien irċieva din il-korrispondenza fl-20 ta' Jannar 2022. Għal kull buon fini, jiġi dikjarat ulterjorment li r-raġunijiet għar-rifjut ġew estensivament spjegati lir-rikorrent matul din il-laqgħa. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, assolutament mhuwiex minnu li r-rikorrent qatt ma ġie mgħarraf bir-raġunijiet għar-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu.*

*Għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 15(6)(e) tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti jitolbu li l-appell tal-appellant jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza finali.

**Ikkunsidra:**

Ir-rikorrenti ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kunsill intimat notifikata lilu permezz ta' ittra datata 28 ta' Ottubru 2021 fejn gie nfurmat illi l-Ministru ntimat kien ikkonferma r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill intimat illi ma jigix imgedded il-*warrant* temporanju ta' ghalliem. Ir-raguni moghtija ghal tali decizjoni kienet illi r-rikorrent "*does not have the necessary proficiency to teach in terms of Article 25 of the Education Act.*"

Illi din id-decizjoni ttiehdet wara li l-Kunsill intimat evalwa r-rapport li jsir ta' kull sena mill-Kap tal-Iskola fejn ghalliem b'*warrat* temporanju ikun qed jghallem.

**Dr. Mateja Farrugia**, *Chairperson* tal-Kunsill intimat, xehdet illi l-Kunsill kellu rakkomandazzjoni li r-rikorrent ma jergax jinghata xoghol fi klassi. Spjegat li matul is-snin, il-Kunsill kellu diversi rapporti dwar ir-rikorrent li ma tantx kienu tajbin pero` ma ttihditx azzjoni drastika mill-ewwel. Fil-fatt tawh

cans biex itejjeb il-posizzjoni tieghu. Madanakollu l-ahhar rapport li kellhom minn espert li kien ilu josserva lir-rikorrent kien fis-sens li m'ghandux jithalla jidhol fi klassi.

Dr. Farrugia xehdet illi r-rikorrent kien jghallem is-suggett tal-muzika, pero` f'xi zmien kien ukoll LSE u wkoll Kindergarten Assistant. Spjegat li meta l-Kunsill gie a konoxxenza ta' xi nuqqasijiet da parti tar-rikorrent, huma raw li jkollu l-appogg mehtieg forsi jeghleb id-diffikultajiet li kellu. Kompliet tghid illi l-ahhar skola li kien ghallem fiha r-rikorrent kienet dik ta' Bormla. Hija spjegat ukoll li r-rikorrent kien inghata cans jirribatti ghar-rapport li kien sar fil-konfront tieghu qabel il-Kunsill ha d-decizjoni tieghu.

**Jennifer Grima,** Segretarja tal-Kunsill intimat, xehdet illi hija kienet ghalliema u kif ukoll ghamlet seba' snin assistent kap u eventwalment Ufficjal Edukattiv. Spjegat li bhala procedura, kull *warrant* temporanju jaghlaq fil-31 ta' Awwissu ta' kull sena u mbaghad fil-ftuh ta' kull sena skolastika jerga' jiggedded. Bhala parti mix-xoghol taghha, kull sena hija ttella' l-fajl tal-persuni li jkollhom *warrant* temporanju lill-Kunsill biex jiehu d-decizjoni finali jekk il-*warrant* ghandux jigi mgedded jew le. Spjegat li fil-kaz odjern il-Kunsill hareg rakkomandazzjoni lill-Ministru li l-*warrant* tar-rikorrent ma jiggeddidx. F'dak il-punt intbaghtet notifika lir-rikorrent bl-istess rakkomandazzjoni, pero` din in-notifika ma ngabritx mir-rikorrent. Fil-frattemp il-Ministru kien laqa' r-rakkomandazzjoni u ghaldaqstant inharget notifika ohra lir-rikorrent, liema notifika regghet ma ngabritx mir-rikorrent. Ghalhekk intbaghtet emejl biz-zewg notifiki lir-rikorrent fuq l-indirizz ufficjali tal-iLearn. Spjegat li f'Jannar kienet giet avvicinata mid-Direttur tas-Servizzi Edukattivi u infurmata li r-rikorrent kien tkellem maghha u qalilha li ma kien ircieva ebda ittra. Ghalhekk il-Kunsill iddecieda li jibghatlu ittra ohra sabiex jaghtih cans jappella. Biex jigi accertat li rcieva din l-ittra, hija ghaddietlu l-ittra personalment fil-presenza ta' zewg Diretturi.

Is-Sinjura Grima spjegat li l-problema principali fil-kaz tar-rikorrent kienet il-pedagogija.

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa ggradwat fil-muzika, fil-*performance* u fid-direzzjoni u l-kompożizzjoni. Spjega li huwa ghandu Masters Degree pero` mhux kwalifikat bhala ghalliem. Ghall-ewwel kien beda jghallem fl-iskola tal-Imqabba u kien kuntent hafna sakemm darba minnhom ghalliem li kien jghallem il-Birgu talab *transfer* u baghtuh jghallem minfloku. Huwa ma kienx kuntent li se jghallem il-Birgu peress li jghix hemmhekk. Spjega li meta ha t-*trasfer* beda jghallem kemm fil-Birgu, fl-Isla u f'Bormla. Kellu jadatta peress li l-livell kien iktar baxx mill-iskola tal-Imqabba. Madanakollu mas-snin kellu xi problemi familjari li qabbduh ansjeta`, liema ansjeta` iggravat wara li fi Frar 2020 ircieva telefonata b'ahbar li tarbija li kienu qed jistennew hu u martu zviluppat kundizzjoni serja hafna. Wara ftit granet faqqghat il-pandemija tal-Covid 19 u x-xoghol tieghu ma baqax iktar jghallem il-muzika izda beda

jissostwixxi lil dawk l-ghalliema li kienu morda jew kwarantina. Spjega li f'daqqa wahda sab ruhu jghallem gurnata shiha tfal ta' sitt snin. Maz-zmien il-lezzjonijiet marru onlajn u iktar iffrustra ruhu. Spjega li f'Mejju 2020 hu u martu tilfu t-tarbija. Kompla jghid illi wara ftit gimghat gie ffaccjat b'separazzjoni personali minn martu. Huwa spjega li kien kellem lill-Kap tal-Iskola fejn infurmaha b'dawn il-problemi u hi baghtitu jkellem lill-Principal tal-Kullegg, li ssuggerielu johrog b'*sick leave* indefinit. Fl-istess zmien kien qed jiffaccja diversi kawzi fuq proprjeta` li ghandha ommu.

Ir-rikorrent stqarr illi fil-bidu tas-sena skolastika 2020/2021 huwa ma baqax jghallem il-muzika izda nghata responsabilita` ta' klassi f'kaz li ghalliem partikolari jkun assenti. Spjega li l-fatt li kien qed ikollu jqatta' granet shah ma' tfal zghar ma kinitx qed tghinu mentalment. Meta ghadda ftit zmien bdew isiru l-lezzjonijiet tal-muzika onlajn. Dan kien difficli hafna peress li idealment ghall-muzika wiehed ghandu jinghata attenzjoni individwali. Meta hu u martu bdew il-process ta' separazzjoni is-sitwazzjoni kienet difficli hafna peress li kienu jahdmu t-tnejn mid-dar.

Fir-rigward tal-ansjeta`, ir-rikorrent spjega li llum il-gurnata hija hafna iktar ikkontrollata minn dak iz-zmien, u dan anke bl-ghajnuna ta' xi medicina.

Kompla jghid illi fis-sajf tal-2021, il-Kap tal-Kullegg, is-Sur Emile Vassallo kien baghat ghalih u staqsih jekk setax isir xi haga biex jghinuh. Ir-rikorrent issuggerixxa li jmur jghallem fi skola sekondarja. Fil-fatt is-Sur Vassallo laqa' l-proposta tieghu u beda jghallem fl-iskola sekondarja taz-Zejtun minghajr ebda problemi sakemm f'Novembru 2021 ircieva l-ittra li ma kienx se jiggeddidlu l-*warrant*. Huwa stqarr li jhoss li hu ngust li gie evalwat fuq il-*performance* tieghu meta kien ghaddej minn zmien daqstant difficli u ma giex gudikat fuq il-*performance* tieghu gewwa z-Zejtun.

In kontro-ezami xehed illi huwa ma kienx qabel mal-konkluzzjonijiet tar-rapport li kien sar fuqu biex ma jiggeddidlux il-*warrant* u fil-fatt kien wiegeb ghall-istess rapport. Spjega li d-decizjoni tal-Kunsill kien irceviha b'emejl u cempel lis-Sur Emil Vassallo li min-naha tieghu qallu li ha jaraw x'jistghu jaghmlu biex jappella d-decizjoni. Spjega li eventwalment inghata xoghol iehor f'ufficcju pero` huwa dejjem kellu x-xewqa li jerga' jmur jghallem il-muzika.

**Emil Vassallo,** Direttur Generali ghas-Servizzi Edukattivi, xehed illi huwa kien jokkupa l-kariga ta' Kap tal-Kullegg Santa Margerita qabel il-kariga prezenti. Spjega li lir-rikorrent kien iltaqa' mieghu bhala ghalliem supplenti tal-muzika u aktar tard iltaqa' mieghu bhala Direttur Generali. Spjega li l-ahhar rapport fuq ir-rikorrent kien minghand Ms. Marion Falzon Ghio, Kap tal-Iskola ta' Bormla, li ma rrakkomandatx li jerga' jiggedded il-kuntratt tar-rikorrent. Is-Sur Vassallo xehed illi r-rikorrent kien kellmu dwar is-sitwazzjoni familjari u personali tieghu. Spjega li l-Kap tal-Iskola taghmel ir-rapport

taghha abbazi ta' dak li tosserva waqt is-sena skolastika, u cioe` kif ghalliem juza r-rizorsi, jekk ghandux *classroom management*, jekk hargux it-tfal mill-klassi waqt li qed issir lezzjoni, jekk l-ghalliem hux ippreprat tajjeb ghal-lezzjoni, u kemm ghalliem jgholli lehnu jew le.

Is-Sur Vassallo spjega li filwaqt li l-aspett personali ta' ghalliem jittiehed in konsiderazzjoni meta jkun qed isir rapport, huma jaraw ukoll il-*performance* fil-klassi. Xehed li r-rikorrent kien infurmah li ma kienx qed ihossu komdu ikun f'kuntatt daqshekk mill-vicin ma' tfal zghar meta kien hemm il-possibilita` li hu u martu jitilfu lit-tarbija taghhom. Ghalhekk kien offrielu li ma jmurx ghax-xoghol xi granet u meta jkun lest li jerga' jirraporta ghax-xoghol ikellmu biex jirrangawlu jkun ma' tfal forsi ikbar. Pero` spjega li fil-frattemp inghalqu l-iskejjel u meta giet is-sena skolastika sussegwenti kellhom diffikulta` kbira bin-numru sostanzjali ta' klassijiet addizzjonali li kellhom jinfethu. Ghaldaqstant l-ghalliema bhar-rikorrent, gew assenjati klassi fil-primarja u hadu rwol ta' ghalliem.

Is-Sur Vassallo xehed illi llum il-gurnata r-rikorrent nghata doveri klerikali god-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

**Marion Falzon Ghio**, Kap tal-Iskola Primarja ta' Bormla, xehdet illi peress li r-rikorrent kien *supply teacher*, kull sena kien isir *performance report* biex jerga' jigi mgedded il-*warrant.* Spjegat li r-rikorrent ghamel erba' snin jghallem gewwa Bormla u fil-*performance report* tal-ewwel tliet snin dejjem gibdet l-attenzjoni dwar pedagogija, etika, dwar kif juza lehnu u dwar l-uzu tal-mobile pero` kienet irrakomandat li l-*warrant* jigi mgedded. Wara kull rapport ir-rikorrent kien iweghedha li se jahdem fuq in-nuqqasijiet tieghu, pero` l-affarijiet kienu jergghu jizgarraw sakemm fl-ahhar iggravaw. Hija spjegat li r-rikorrent kien jaghmel l-istess lezzjoni mill-Year 1 sal-Year 6. Wara li gibditlu l-attenzjoni dwar dan rat titjib fil-lezzjonijiet pero` lejn l-ahhar li kien fl-iskola ta' Bormla l-lezzjonijiet kienu jkunu *boring* hafna li t-tfal kienu jkunu kwazi reqdin jew inkella ssib *rebus* ghax it-tfal ikunu ddejqu. Hija spjegat li kienet tinnota li r-rikorrent ma kienx ikun ippreparat ghal-lezzjoni, kien jahli l-hin ipacpac qabel jibda l-lezzjoni u kien jispicca l-lezzjoni kmieni. Spjegat ukoll li gieli kien jircievi xi telefonata u jaqbad u jitlaq u ma jghid lil hadd. Fl-ahhar xahrejn ma kinux qed isiru lezzjonijiet ghaliex kien ikun ma jiflahx.

Spjegat ukoll illi fi zmien il-Covid kien jitfa' video ta' tliet kwarti lesson u ma kienx jimmoniterja x'ikun qed jigri.

Fir-rigward tas-sitwazzjoni personali tieghu, ix-xhud stqarret li hi kienet tisimghu pero` fl-ahhar mill-ahhar hija kellha r-responsabbilita` tat-tfal f'idejha u ghalhekk fl-ahhar hadet id-decizjoni li hadet. Spjegat li ghaliha ma kienx facli taghmel dan il-pass.

Mistoqsija in kontro-ezami x'ghajnuna setghet tinghata lir-rikorrent biex jigi sapportat, ix-xhud wiegbet illi r-rikorrent ha hafna *sick leave* u bhal kull impjegat iehor tal-Gvern kien hemm l-Employee Support Programme, liema programm pero` irid ifittxu l-individwu.

Is-Sinjura Falzon Ghio stqarret illi kien hemm okkazjoni fejn ir-rikorrent kien involva lit-tfal f'attivita` tal-muzika barra l-iskola fejn it-tfal ghamlu kor u kantaw ma' muzicisti.

Mistoqsija jekk il-*performance* tar-rikorrent iggravatx fl-ahhar sena minhabba l-problemi familjari li kellu, hija wiegbet li hekk hu.

**Dr. Justine Attard**, Psikologa Klinika, xehdet li r-rikorrent kien gie riferut ghandha mill-*health services* ta' Bormla f'Mejju 2021 peress li kien qed ikun anzjuz u f'xi mumenti kien ikollu *low mood*. Spjegat li r-rikorrent kien jitkellem hafna dwar is-separazzjoni personali u fuq kaz dwar proprjeta` u dwar problemi finanzjarji.

**Dr. Giovanni Grech**, Psikjatra, xehed illi kien ra l-ewwel darba lir-rikorrenti fit-28 ta' Ottubru 2020 wara li l-istess rikorrent kien mar l-Emergenza bi hsibijiet ta' riskju lejh innifsu. Spjega li r-rikorrent kellu diffikultajiet fejn jidhlu relazzjonijiet intimi. Ir-rikorrent ma tantx kien tkellem mieghu dwar ic-cirkostanzi fuq il-post tax-xoghol u jaf biss li kellu dizgwid ma' surmast u li kien gie mitlub ibiddel ir-rwol tax-xoghol tieghu. Spjega li ricentement, l-istat mentali tar-rikorrent ma kienx qed ikun hazin daqskemm kien l-ewwel darba meta rah l-emergenza.

**Dr. Mariella Swain**, Psikoterapista, xehdet li kienet ilha taf lir-rikorrent erbatax-il sena. Hija spjegat dwar id-diffikultajiet li kellhom hu u martu sabiex ikollhom it-tfal sakemm eventwalment kien se jkollhom tarbija li sfortunatament giet nieqsa. Spjegat li wara dan, id-dinamika tal-koppja nbidlet sakemm isseparaw, liema sitwazzjonijiet holqu trawma emozzjonali fir-rikorrent. Kompliet tghid illi l-fatt li r-rikorrent kien jghallem lit-tfal kienet terga' tiftahlu l-ferita. Spjegat li l-fejqan huwa vjagg u r-rikorrent mexa 'l quddiem hafna.

Dr. Swain xehdet illi meta r-rikorrent intbaghat jahdem go skola sekandarja irrelata mat-tfal hafna ahjar milli mat-tfal izghar. Fuq mistoqsija in kontro-ezami qalet illi hi qatt ma giet mitluba mir-rikorrent sabiex taghmel xi tip ta' rapport lill-Ministeru jew lill-iskola.

**Dr. Mariella Cassar Cordina**, *Education Officer* tas-suggett tal-Muzika, xehdet illi f'Mejju 2019 kienet ghamlet vizta lir-rikorrent u ghamlet rapport li kien jinkludi xi affarijiet li ried jirranga bhal perezempju biex jinvolvi iktar lit-tfal pero` ma kien hemm xejn gravi fil-metodologija u l-pedagogija. Spjegat li fis-sena 2020 kien hemm *Education Officer* iehor pero` hadd ma kien

infurmahom bil-problemi li seta' kellu r-rikorrent. Hija kompliet tghid li hija prassi li jekk ghalliem ikun qieghed ikollu diffikulta` fil-klassi kienu jmorru jaghtu s-sapport taghhom.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrent hassu aggravat bir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill intimat u d-decizjoni tal-Ministru intimat illi ma jgeddulux il-*warrant* temporanju ta' ghalliem.

Illi mill-provi jirrizulta illi r-rikorrent kien ilu xi snin jghallem bhala *supply teacher* f'diversi skejjel, u anke kien xi zmien jahdem bhala *kindergarten assistant*. Illi jirrizulta illi biex jinhareg *warrant* temporanju ta' ghalliem, kull sena jsir rapport minn superjur tal-istess ghalliem dwar l-andament tieghu, b'rakkomandazzjoni lill-Kunsill jekk ghandux jinghata jew le l-istess *warrant*.

Jirrizulta illi fir-rapport li ghamlet il-Kap tal-Iskola Primarja ta' Bormla, is-Sinjura Marion Falzon Ghio, fis-sena 2021, kien hemm rakkomandazzjoni li l-*warrant* temporanju tar-rikorrent ma jiggeddidx. Hija pprezentat rapport dettaljat hafna dwar is-sitwazzjonijiet li hija rriskontrat tul l-osservazzjoni taghha tar-rikorrent waqt il-hidma tieghu, liema osservazzjonijiet hija xehdet fuqhom u gew riportati iktar 'il fuq.

Illi jirrizulta illi r-rikorrent inghata l-opportunita` li jirribatti ghal dawn l-osservazzjonijiet. Filwaqt li ammetta li kien hemm nuqqasijiet, tenna wkoll illi kellu wkoll successi fit-taghlim tieghu u li wiehed ma setax jinjora l-perjodu ikrah li ghadda minnu fuq livell personali.

Mid-dokumentazzjoni pprezentata jirrizulta illi fis-sena 2017 il-Kap tal-Iskola Primarja tal-Imqabba ghamel rapport pozittiv dwar ir-rikorrent.[1] L-istess sar mill-Ufficjal Edukattiv Dr. Mariella Cassar Cordina fis-sena 2019 meta r-rikorrent kien qed jghallem il-muzika fl-Iskola Primarja ta' Bormla.[2] F'Mejju 2019, is-Sinjura Falzon Ghio, rrapurtat li r-rikorrent kien inghata parir biex itejjeb il-pedagogija tieghu u li dan il-parir hadu. Fl-istess rapport gie rilevat illi s-Sinjura Falzon Ghio kienet gibdet l-attenzjoni tar-rikorrent li ried ikun dixxiplinat u josserva l-hinijiet tal-iskola u li kien qieghed jipprova jaghmel dan.[3] F'April 2020 is-Sinjura Falzon Ghio irrapurtat li r-rikorrent kien ha l-parir taghha sabiex jaghmel iktar attivitajiet *hands on* waqt il-lezzjonijiet. Madanakollu rrakomandat lir-rikorrent juza vidjows iktar qosra. Filwaqt li qalet li l-lezzjonijiet dejjem ikunu ppreparati, kienet tal-fehma illi l-kontenut tal-lezzjonijiet mhux dejjem kien tal-livell tal-istudenti u li r-rikorrent ma kienx jadatta ghal studenti ta' abiltajiet differenti. Hija rraportat ukoll illi gibditlu l-attenzjoni biex ma jghajjatx meta jkun qed jikkoregi t-tfal.[4] Rapport iehor gie

---

[1] A fol.56
[2] A fol.. 57
[3] A fol. 71
[4] A fol. 58

redatt f'Mejju 2021 mill-Ufficjal Edukattiv Mario Attard, wara li ghamel vizta lir-rikorrent gewwa l-iskola, liema vizta kienet wahda avzata, fejn osserva certi nuqqasijiet u ddiskuta mar-rikorrent kif jista' jtejjeb il-lezzjonijiet biex it-tfal jippartecipaw iktar fihom.[5]

Illi mill-assjem tax-xhieda u mill-assjem tar-rapporti pprezentati matul is-snin jirrizulta illi ghalkemm fl-ewwel snin li r-rikorrent kien jghallem gewwa l-Iskola Primarja ta' Bormla kien hemm certi nuqqasijiet, l-istess nuqqasijiet aggravaw fl-ahhar sentejn meta r-rikorrent ghadda minn trawmi familjari u personali. Illi huwa car illi l-problemi personali li kien qieghed jiffaccja affetwaw b'mod serju l-hila tieghu li jimmanigja u jghallem lit-tfal li kienu afdati lilu. Dan wassal biex il-Kap tal-Iskola meta giet biex taghti r-rakkomandazzjoni taghha fil-fatt ma tatx rakkomandazzjoni pozittiva ghaliex gustament hija ghandha wkoll responsabbilita` versu t-tfal u li dawn jiehdu l-ahjar taghlim u edukazzjoni.

Illi t-Tribunal iqis li fil-perjodu partikolari li fih inghatat ir-rakkomandazzjoni mill-Kunsill intimat lill-Ministru sabiex ma jiggeddidx il-*warrant* temporanju tar-rikorrent, certament kien hemm ragunijiet serji u gravi li abbazi taghhom saret l-istess rakkomandazzjoni. Dan ma jfissirx illi r-rikorrent ma hux kapaci jghallem is-suggett li hu tant ghal qalbu. Pero` certament f'dak il-perjodu, kien hemm sitwazzjoni li pprekludietu milli juri l-ahjar hiliet tieghu biex it-tfal ikunu jistghu jibbenefikaw mill-gharfien tieghu dwar il-muzika.

Illi t-Tribunal josserva wkoll illi l-fatt li r-rikorrent kien qed jghallem tfal ta' eta` zghira ma tantx ghenet is-sitwazzjoni. Fil-fatt minn dak li xehed ir-rikorrent, meta huwa gie assenjat gewwa skola sekondarja mar tajjeb u ma kellu ebda problemi. Sfortunatament biex ikompli jghallem fl-istess skola kellu bzonn li jiggedded il-*warrant* temporanju, haga li ma saritx abbazi ta' dak li gie rappurtat iktar 'il fuq.

Illi ghalhekk, filwaqt li t-Tribunal jaqbel mad-decizjoni tal-intimati illi ma jgeddux il-*warrant* temporanju tenut kont tac-cirkostanzi partikolari rapportati lilhom fiz-zmien partikolari li saret l-istess decizjoni, huwa tal-fehma illi issa li ghaddew numru ta' snin u wkoll in vista tax-xhieda tal-ispecjalisti li ghandhom fil-kura taghhom lir-rikorrent, jista' jkun opportun li s-sitwazzjoni tar-rikorrent terga' tigi evalwata anke jekk forsi tigi limitata l-eta` tal-istudenti li jghallem. Dana dejjem jekk dan it-tip ta' arrangament huwa possibbli min-naha tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Illi t-Tribunal iqis ukoll illi jista' jkun li fiz-zmien ta' diffikulta` li ghadda minnha r-rikorrent kien ikun opportun li kieku r-rikorrent inghata l-ghajnuna kif spjegat Dr. Mariella Cassar Cordina. Jirrizulta li din l-ghajnuna ma

[5] A fol. 59

nghatatx ghaliex hadd ma gibed l-attenzjoni tal-Ufficjali Edukattivi dwar is-sitwazzjoni.

Illi ghaldaqstant, filwaqt li t-Tribunal iqis li d-decizjoni appellata kienet wahda gusta u ragjonevoli fic-cirkostanzi, jirrakkomanda lill-Kunsill intimat illi jekk ir-rikorrent jerga' japplika sabiex jinghata *warrant* temporanju, iqis ic-cirkostanzi kollha, anke dawk li rrizultaw waqt din il-kawza, u jevalwa jekk ir-rikorrent fl-istadju li fih ikun applika ikunx idoneu biex jinghata cans jghallem is-suggett tal-muzika lil studenti ta' skola sekondarja. Naturalment, ir-rikorrent min-naha tieghu irid jibqa' jahdem fuqu nnifsu biex jimxi 'l quddiem anke permezz tal-ghajnuna ta' professjonisti kif diga` qed jaghmel.

**DECIDE**

Għaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, it-Tribunal qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrent u mill-eċċezzjonijiet tal-intimati billi filwaqt li jichad l-appell tar-rikorrent, jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrent.

---

**Maġistrat Dr Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

---

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**